MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 330/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc ta' Perth, Scotland kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurati taghhom Sprachcaffe Company Limited**

**Vs**

**Joseph Tanti**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm807.27c (tmien mija u seba' liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) rappresentanti danni sofferti mill-assigurat ta' l-istess socjeta' attrici f'incident li sehh fit-12 ta' Mejju, 2000 meta l-konvenut waqqa d-drink tieghu fuq disco system equipment u kkaguna hsara sostanzjali, ghal liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:

Illi l-konvenut ma kkawzax il-hsara allegata tant illi l-apparat reggha ntuza l-gimgha ta' wara meta kienet saritlu l-hsara.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pretensjonijiet attrici huma eccessivi.

Sema' x-xhieda.

Ra n-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

1. Ix-xhieda tal-konvenut fejn ammetta li huwa waqqa d-drink tieghu fuq il-mixer u x-xhieda ta' Philip Camilleri fejn qal "*jiena rajt lill-konvenut jaqleb id-drink tieghu fuq il-mixer taghna".*

2. Ix-xhieda ta' Adrian Pisani, espert f'disco equipment fejn ikkonferma li huwa ezamina l-equipment in kwistjoni u li dan l-istess equipment kien fih hafna hsara li kienet ikkagunata minn "**xi likwidu** li kellu go fih". Huwa qal li bhala espert fil-materja kien hemm bzonn ammont kbir ta' likwidu u mhux tazza jew tnejn biex issehh dik il-hsara kollha.

3. Illi fix-xhieda tieghu Philip Camilleri qal li meta ra lill-konvenut iwaqqa d-drink fuq il-mixer huwa mar igib napkins biex jimsah il-likwidu. Ghaldaqstant, mill-provi jirrisulta li l-ammont li nfiltra fil-mixer ma kienx ammont kbir kif fil-fatt instab minn Adrian Pisani meta dan ezamina l-istess apparat.

4. Illi mill-provi jirrisulta li s-socjeta' attrici naqset milli tezamina t-tip ta' likwidu li kien fih l-apparat kollu li garrab il-hsara u li fl-ebda stadju tal-kawza ma gie kkonfermat li dak il-likwidu kien fil-fatt id-drink li waqqa l-konvenut.

5. Illi gie ppruvat li wara l-incident inbiddel il-mixer izda t-Tribunal huwa rinfaccat b'zewg verzjonijiet opposti

rigward jekk wara li nbiddel il-mixer is-sistema regghetx bdiet tahdem:

i) Philip Camilleri xehed li wara li nbiddel il-mixer is-sistema ma hadmitx peress li d-drink kien dahal f'equipment iehor.

ii) Joe Tanti xehed li wara li nbiddel il-mixer huwa baqa' jdoqq u warajh kompliet Roberta Cutajar.

iii) Roberta Cutajar ikkonfermat li hija kompliet iddoqq wara Joe Tanti.

Illi kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vincent Rausi noe Vs Joseph Vincent Rausi Vs Joseph Muscat** deciza mill- Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 t'Ottubru 1992, ***"fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-verzjoniet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrisulta plawsibbli u veritiera u ma tirrisultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-Gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – actore non probant, reus absolvitur".***

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal hu tal-fehma li s-socjeta' attrici ma rnexxiliex taghti prova tal-allegazzjoni taghha li l-hsara fl-apparat kollu elenkat, sehhet unikament bi htija tal-konvenut izda taghat prova li kienet biss il-hsara fil-mixer li giet ikkagunata bi htija tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u jikkundannah ihallas l-ispejjez tal-mixer jigifieri Lm338.00c (tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin).

Kull parti ihallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------